Minuti tal-Laqgħa Nru. 9 tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Settembru, 2007, fit-8:30 p.m.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Dr. P. Chetcuti Caruana M.D. |
| Il-Viċi Sindku | Ms. J. Agius Decelis |
| Il-Kunsillieri | Mr. J. Demartino<br>Mr. M. Sammut<br>Dr. S. Farrugia M.D.<br>Ms. M. Mifsud<br>Mr. P. Agius<br>Ms. K. Fenech<br>Perit C. Grech |
| Uffiċċjali | |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Joseph C. Azzopardi |

---

Din is-Seduta kellha bħala Aġenda l-kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 8 li ġiet aġġornata biex tkun tista' titressaq mozzjoni dwar "Ġieħ il-Motsa" skond il-provedimenti tal-Ligi.

1. **Kontinwazzjoni tas-Seduta Aġġornata fit-28 t'Awissu, 2007**

Is-Sindku qal li biex il-Kunsill ikun konformi mal-liġi, fl-aħħar Seduta ta' Avviż ta' Mozzjoni li ġiet ċirkolata lill-membri tal-Kunsill u li kienet tgħid :-

> " Dr. P. Chetcuti Caruana qed jipproponi sabiex l-Onorifiċenza 'Ġieħ il-Mosta' tingħata lil dawk il-persuni jew gruppi li jkunu approvati b'maġġoranza sempliċi, permezz ta' vot meħud fost il-kunsilliera preżenti.
>
> Din il-mozzjoni għandu jkollha effett immedjat."

Il-mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Agius Decelis.

Is-Sur J. Demartino qal li hu jemmen li jekk ikun hemm l-unanimita' fl-għoti ta' " Ġieħ il-Mosta" jkun aħjar. Għajr għal eċċezzjonijiet, dejjem kien hemm kompromess

u din id-darba wkoll jidher li kien se jkun hemm qbil fuq xi ndividwi li għandhom jingħataw il-Ġieħ. Fil-fehema tiegħu, il-Kunsillier Demartino qal li għandu jibqa' jkun segwit dan il-prinċipju.

Is-Sindku Chetcuti Caruana qal li hu ma jifhimx għaliex daqqa jingħad mod u f'ċirkostanzi oħra jintqal mod ieħor. Dan għaliex fil-preżenza ta' persuni li kienu jinsabu fost il-pubbliku preżenti fis-Sala waqt is-Seduta, qabel l-elezzjoni tal-Kunsill, is-Sur Demartino kien stqarr li jekk jerġgħu jkunu eletti n-Nazzjonalisti fil-Kunsill, hu kien se jneħħi l-klawsola ta' l-unanimita'.

Waqt li s-Sur Demartino innega li kien hemm dan il-ħsieb, qal li meta kien Sindku kellu tentazzjoni diversi drabi li jirrikorri għal votazzjoni b'maġġoranza sempliċi, imma irreżista għax jemmen li l-unanimita' kienet l-aħjar pass. Qal ukoll li kien hemm Kunsilliera Laburisti li kienu mġiegħela jivvutaw favur jew kontra min ġie propost b'direttiva mill-Partit Laburista.

Il-Kunsillier Agius qal li meta kien propost it-tabib Chetcuti Caruana, il-maġġoranza Nazzjonalista ċaħditlu l-Onorifiċenza waqt li kull ex-Membru Parlamentari Mosti kien ingħata r-rikonoxximent. Hu qal li bħala persuna li għenet lill-pazjenti Mostin u ex-Deputat Parlamentari dejjem ġie miċħud l-apprezzament lejħ mill-maġġoranza Nazzjonalista u kien għalhekk li hu kien jivvota kontra xi wħud minn dawk li kienu jiġu proposti mill-Kunsillieri Nazzjonalisti.

Is-Sur Demartino qal li hu qatt ma' kien aċċetta li jkun rikattat.

Is-Sindku qal li hu mhux bi ħsieb jibdel il-fehema tiegħu u ressaq il-mozzjoni għal vot.

Ir-riżultat kien li s-sitt kunsillieri Laburisti ivvutaw favur il-mozzjoni u t-tliet kunsillieri Nazzjonalisti ivvutaw kontra.

Il-mozzjoni għaddiet.

*Fid-9:00 p.m., il-Kunsillier Ms. K. Fenech kienet skużata mis-Seduta.*

## 2. Ġieħ il-Mosta

Is-Sindku qal li wara li ġiet approvata l-mozzjoni l-Kunsill kellu jivvota biex ikunu deċiżi l-erba' persuni/għaqdiet li se jingħataw "Ġieħ il-Mosta".

Il-persuni li kienu ġew nominati ~~minn xi membru tal-Kunsill~~ kienu :- L-Għaqda Piroteknika 15 t'Awissu; l-Mosta Scout Group; Dr. G. Cassar; s-Sinjura Josephine Camilleri; s-Sur Alfred C. Sant; s-Sur E. Buhagiar; is-Sur Eric Frendo; is-Sur Raymond Grech; is-Sur Marvic Camilleri, is-Sur Victor Zammit u s-Sur Charlie Agius.

Saret votazzjoni li kisbet dan ir-riżultat :-

| | |
|---|---|
| Dr.P.Chetcuti Caruana :- | J. Camilleri; Dr.G.Cassar; Scouts; Għaqda 15 t'Awissu. |
| Ms.J.Agius Decelis :- | J. Camilleri; Dr.G.Cassar; Scouts; Għaqda 15 t'Awissu |
| Mr.M. Sammut :- | J. Camilleri; Dr.G.Cassar; Scouts; Għaqda 15 t'Awissu |
| Ms. M. Mifsud :- | E. Buhagiar; Dr.G.Cassar; Scouts; Għaqda 15 t'Awissu |
| Mr.J. Demartino :- | E. Buhagiar; Dr.G.Cassar; Scouts; Għaqda 15 t'Awissu |
| Dr. S. Farrugia :- | E. Buhagiar; Dr.G.Cassar; Scouts; Għaqda 15 t'Awissu |
| Perit C. Grech :- | J.Camilleri; Dr.G.Cassar; Scouts; Għaqda 15 t'Awissu |

Mr. P. Agius :- J.Camilleri; Dr.G.Cassar; Scouts; Għaqda 15 t'Awissu

Għaldaqstant, is-Sindku ddikjara li l-Ġieħ, wara l-votazzjoni li saret bil-fomm mill-Kunsilliera preżenti, kien se jingħata lill-Għaqda Piroteknika 15 t'Awissu; l-Mosta Scout Group u lill-Dr. G. Cassar li kisbu 8 voti kull wieħed, u lis-Sinj. J. Camilleri li kisbet 5 voti. Is-Sur E. Buhagiar ma kwalifikax għax kiseb 3 voti.

## 3. Ħatra ta' Udituri mill-Gvern

Is-Sindku qal li kien qed jitlob sospensjoni tar-regolamenti biex iressaq b'urġenza riżoluzzjoni dwar il-ħatra mill-Gvern ta' awdituri biex iwettqu *interim audit* skond kif jipprovdu l-Proċeduri tal-Kunsilli Lokali dwar l-Awditjar.

Ma kienx hemm oġġezzjoni.

Dr. Chetcuti Caruana qal li dan il-Kunsill kien qed jiġi mitlub japprova l-ħatra ta' Grant Thornton mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ( ittra datata 23 t'Awissu, 2007, mis-Sur N. Attard) biex jinvestigaw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Mosti. Qal ukoll li l-ispiża nvoluta hi ta' Lm 5,000 u trid titħallas mill-Kunsill.

Waqt li kopja ta' l-ittra ta' l-Awdituri datata 28 t'Awissu, 2007, ġiet murija lill-Kunsillieri preżenti, is-Sinjura Agius Decelis issekondat ir-riżoluzzjoni, u per konsegwenza li ma' kien hemm ebda rimarja, ir-riżoluzzjoni ġiet approvata.

## 4. Materji Finanzjarji

L-Aġent Segretarju ġibed l-attenzjoni li minn April sa Awissu 2007, qatt ma tressqu għal approvazzjoni n-nefqiet li jsiru mill-*petty cash* u għalhekk kien qed jiċċirkola kopja xahar b'xahar ta' nfieq li sar.

a) *Petty Cash* :- Il-Kunsill ġie nfurmat li matul is-segwenti xhur kienu saru dawn in-nefqiet :-

| | | |
|---|---|---|
| April 2007 | - | Lm37.84 |
| Mejju 2007 | - | Lm66.36 |
| Ġunju 2007 | - | Lm38.67 |
| Lulju 2007 | - | Lm58.36 |
| Awissu 2007 | - | Lm81.28 |

Wara li membri tal-Kunsill għamlu mistoqsijiet biex ikunu kjarifikati xi ħlasijiet li kienu elenkati, is-Sindku sekondat mill-Kunsillier Agius, ippropona li jkunu approvati.

Il-Kunsill qabel unanimament.

b) *Skeda ta' Ħlas* :- L-Aġent Segretarju poġġa fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet li kienu jammontaw għal Lm 33,977.11.

Il-Kunsillier Agius staqsa ta' min huma n-numri tat-telefon li jidhru fl-iskeda. Mistoqsijiet fl-istess sens saru mill-Kunsillier Dr. Farrugia.

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*mobile phones* kienu tas-Sindku, tas-Segretarju u ieħor li jintuża mill-istaff ta' l-Uffiċċju, waqt li l-*land lines* kienu ta' l-Uffiċċini, tal-Librerija u postijiet oħra fil-ġurisdizzjoni tal-Kunsill.

Meta s-Sindku ressaq l-Iskeda għal approvazzjoni, hu kien sekondat mill-Viċi Sindku. L-iskeda ġiet approvata b'4 voti favur u 3 astensjonijiet. Il-Kunsillier Demartino qal li l-Kunsillieri Nazzjonalista kienu astjenew peress li l-Iskeda ma ġietx ċirkolata minn qabel ma' l-Aġenda; u postijiet eżaġerati tal-mobile phone.

**5. <u>Ħwejjeġ Oħra</u>**

5.1 Is-Sinjura Agius Decelis qalet li f'isimha u f'isem il-familja tagħha xtaqet turi l-apprezzament lill-Kunsill għal kondoljanzi li ngħatat u l-fjuri li ntbagħatu meta riċentement miet il-papa tagħha.
Il-Kunsill ħa nota ta' l-apprezzament.

5.2 Il-Kunsillier ~~Greech~~ Agius Decelis qal li fit-28 ta' Settembru, 2007, se ssir esibizzjoni, fis-6:30 p.m. fis-Sala tal-Kunsill.

5.3 Il-Kunsillier Sammut nforma li kien se jsir *coffee morning* fit-3 t'Ottubru, 2007, għal anzjani f'lukanda San Pawl il-Baħar u l-Kunsill kien mitlub jipprovdi biss it-trasport.
~~Issekondat il-Viċi Sindku u~~ Il-Kunsill qabel.

**6. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku, fid-9:30 p.m. aġġorna S-Seduta għal nhar il-Ġimgħa, 5 t'Ottubru, 2007, fit-8:30 p.m., peress li l-Aġenda kienet ġiet eżawrita.

**Dr. P. Chetcuti Caruana M.D.**
Sindku

**Joseph C. Azzopardi**
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati :- Il-Ġimgħa, ~~5~~ 12 t'Ottubru, 2007.</u>**